Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2477

5.12.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ (PESK) 2025/2477

## tat-2 ta’ Diċembru 2025

## li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta’ Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (KPS), f’konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, huwa awtorizzat jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”).

(2) Fl-10 ta’ Diċembru 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3197 ([2]), li testendi l-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta’ EUCAP Somalia mill-1 ta’ Jannar 2025 sal-31 ta’ Diċembru 2025.

(3) Fid-29 ta’ Ottubru 2025, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet li jiġi estiż il-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta’ EUCAP Somalia mill-1 ta’ Jannar 2026 sat-30 ta’ April 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) huwa estiż mill-1 ta’ Jannar 2026 sat-30 ta’ April 2026.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta’ Diċembru 2025.

*Għall-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK

---

([1]) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/389/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2024/3197 tal-10 ta’ Diċembru 2024 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/2/2024) (ĠU L, 2024/3197, 16.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3197/oj).